# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 500/07AF**

**Central Mediterranean Development Corporation Limited (C-453)**

v.

**John Cassar u b'digriet tal-Qorti tad-9 ta' Marzu, 2010, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li l-atti jiġu trasfużi f'isem Catherine, Spiridione, Paul u Anthony Cassar u dan stante l-mewt ta' John Cassar**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellati"),

u ċaħdet it-talba tal-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti"), filwaqt li ordnat ukoll li l-appellanti tħallas l-ispejjeż tal-kawża, għajr għal dawk marbuta mal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni;

2. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti ikkunsidrat hekk:

> *"Permezz ta' din il-kawza is-socjetà rikorrenti qed titlob il-likwidazzjoni tal-penali, lilha dovuta mill-intimat a tenur tal-klawsola 7 tal-kuntratt tal-koncessjoni sub-enfitewtika. Hija qed titlob ukoll kundanna ghall-hlas tal-istess penali.*
>
> *"Jirrizulta illi fit-28 ta' Novembru 1980, is-socjetà rikorrenti kkoncediet b'titolu ta' sub-enfitewsi "boat house" f'Santa Maria Estate lill-intimat. Permezz tal-istess kuntratt, l-intimat obbliga ruhu li "The said boat house shall not be used for residential or commercial purposes but shall be used exclusively as a boat house or store" (klawsola 7). L-istess klawsola pprovdiet ukoll illi f'kaz ta' ksur ta' din il-kundizzjoni l-intimat ikollu jhallas penali ta' Lm6 kuljum. "If the grantee is in default he shall be liable to pay a penalty of six Maltese Liri (Lm6) for every day of default."*
>
> *"Jirrizulta wkoll illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Frar 1998 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2000, gie deciz illi John Cassar kien kiser il-fuq imsemmija obbligazzjoni kontrattwali.*
>
> *"L-ewwel eccezzjoni li jehtigilha tikkonsidra din il-Qorti hija dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-art. 2156(f) kif sollevata fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimat datata 11 ta' Gunju 2008. L-Art. 2156 (f) jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' hames snin.*
>
> *"In linea ta' principju, huwa ritenut illi "l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt* ***illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu, fiz-zmien utli****."*

*"Huwa stabbilit ukoll illi meta tigi eccepita l-preskrizzjoni l-Qorti trid necessarjament tiddeciedi biss fuq l-eccezzjoni lilha ndikata. Il-Qorti ma tistax tissuplixxi hija ghall-parti eccipjenti. Ma tistax tiehu inizjattiva fir-rigward. (Ara Calì vs Galea - Qorti tal-Appell tal-11 ta' Mejju 1956).*

*"Dan premess, jirrizulta fil-kaz in ezami illi l-penali li qed tintalab giet stabbilita fil-kuntratt li bih inghatat lill-intimat odjern il-koncessjoni enfitewtika, cioé att pubbliku. Issa l-Art. 2156(f) invokat mill-eccipjent jeskludi mill-applikazzjoni tal-perjodu preskrittiv ta' hames snin kull kreditu li jirrizulta minn att pubbliku. Fil-kaz in ezami din il-Qorti tqis illi ghalkemm kienet is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2001 li rradikat effettivament il-ksur tal-kundizzjoni de quo, l-istess penali taf il-fonti taghha fil-kuntratt originali. Hekk irriteniet il-Qorti tal-Appell f'kawza identika Mizzi vs Aquilina fis-27 ta' Novembru 2009. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiddipartixxi minn dan l-insenjament. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art. 2156(f) qed tigi michuda.*

*"Fir-risposta guramentata taghhom l-intimati jsostnu li galadarba s-socjetà attrici ma batiet ebda hsara, ebda penali m'ghandha tkun dovuta. Isostnu ukoll illi galadarba bil-kawza originali ntalbet l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali ma jistghux jintalbu ukoll il-penali.*

*"Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-Art. 1121 tal-Kodici Civili li testwalment jipprovdi illi:*

*"Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed m'għandux jagħmel xi ħaġa, hu jaqa' fil-penali hekk kif jikser l-obbligazzjoni."*

*"Fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-ligi, ghalhekk, din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.*

*"Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk biex tikkonsidra l-provi mressqa mill-partijiet dwar il-mertu.*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, s-socjetà rikorrenti ressqet bhala prova kopja tas-sentenza tat-28 t' April 2000 fejn il-Qorti ddecidiet il-klawsola 7 tal-kuntratt tal-koncessjoni sub-enfitewtika fil-fatt inkisret. Ghalhekk, galadarba l-ksur tal-kundizzjoni jinsab gudizzjarjament stabbilit, huwa biss il-kalkolu tal-penali li jehtieg li jsir minn din il-Qorti u dan in relazzjoni mal-klawsola de quo li timponi l-hlas ta' penali ta' Lm6 "for every day of default".*

*"Issa kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-fuq citata sentenza tas-27 ta' Novembru, il-prova trid tkun wahda cirkostanzjali. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-projbizzjoni hija marbuta mal-uzu tal-fond u l-penali wkoll hi marbuta mal-uzu tieghu bhala residenza. Fil-kaz in ezami s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2001 stabbiliet li l-post gie mibdul f'residenza. Minkejja din il-prezunzjoni tal-uzu, ghall-fini ta' kalkolu ta' penali, ir-rikorrent xorta*

*wahda kien jehtieglu jipprova ghal kemm granet giet uzata l-boat house bil-mod projbit.*

*"Il-projbizzjoni kontemplata hija marbuta mal-uzu tal-fond, u l-penali hi marbuta wkoll mal-uzu tieghu bhala residenza.*

*"Il-Qorti qieset il-provi fid-dawl tal-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati li jsostnu illi:*

*"Ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat" – (**Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri 27 ta' Gunju, 1953).*

*"Huwa ritenut illi:*

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat" – (**Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** – deciza 28/04/2004).*

*"Is-socjetà attrici strahet fuq affidavit ta' Albert Mizzi, Managing Director tal-istess socjetà li fih ma saret ebda referenza ghall-boat house proprjetà tar-rikorrenti. Ressqet ukoll kopja tar-rapport ta' hekk imsejjah "freelance insurance investigator" li, minbarra li qatt ma gie konfermat bil-gurament, ma jaghmel ebda referenza ghall-boat house Nru. 124.*

*"Mill-banda l-ohra, l-intimati, permezz ta' affidavit ta' Spiridione Cassar, wiehed minnhom, sostnew illi, fi kliem l-istess Spiridione:*

*"Illi zgur ahna kemm meta kien haj kif ukoll wara mewtu, bhala uliedu ma rsaqniex biex noqoghdu f'din il-boat house li dejjem kienet uzata biex missierna ipoggi l-boat tieghu S-478 registrata mal-Malta Maritime Authority u ilha hekk registrata mill-1986 u qabel dan il-frejgatina l-ohra li kellu.*

*Illi din id-dghajsa li kellu missieri kienet frejgatina, kienet uzata ghas-sajd u kien ipoggieha f'din il-boat house tul ix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf, ghax kull darba li konna nuzawha, konna ntellghu u nqeghduha fil-boat house.*

*Fil-fatt fil-vicinanzi hemm slip way minn fejn nistghu ntellghu u nnizlu l-boat ta' missierna b'mod facli."*

*"Spiridione qatt ma tressaq biex jixhed in kontro ezami. Il-kredibilità tieghu ma giet kontestata bl-ebda mod.*

> *"Inoltre, tressqu provi inkonfutabbli li mis-sena 1995 missier l-intimati kien dizabilitat wara "dense stroke", kien fil-wheelchair u kien dipendenti fuqhom ghal kollox (ara file mediku esebit in atti). Ressqu ukoll provi illi fil-boat house in kwistjoni ma kienx hemm konsum ta' ilma u elettriku minn dak iz-zmien 'l hawn. Anzi l-konsum fuq ir-residenza ordinarja baqa' kostanti waqt is-sjuf.*
>
> *"Fid-dawl ta' dawn il-provi inkontestati din il-Qorti ma tistax tqis li s-socjetà rikorrenti issodisfat l-oneru fuqha impost mil-ligi, partikolarment in vista tal-fuq riferita konsiderazzjoni li l-imposizzjoni tal-penali hija essenzjalment korrelatata mal-granet ta' uzu tal-boat house. Ma ngiebet lill-Qorti ebda prova sufficjenti li din il-boat house intuzat bhala residenza ghal xi numru ta' granet.*";

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fit-28 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellanti talbet li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha safejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-appellati, u tħassarha safejn l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-istess appellati u ċaħdet it-talbiet attriċi, u biex minflok, tilqa' t-talbiet tagħha. Talbet ukoll li tikkundanna lill-appellati jħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

4. B'Risposta mressqa fis-19 ta' Novembru, 2014, l-appellati laqgħu għall-appell tal-appellanti billi, għar-raġunijiet minnhom imsemmija, qalu li s-sentenza appellata kienet tajba u għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Jannar, 2020;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat id-degriet tagħha li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

## Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża dwar ħlas ta' penali minħabba ksur ta' patt kuntrattwali. Dan il-każ joħroġ mill-qafas ta' ftehim ta' konċessjoni sub-enfitewtika temporanja ta' *boat house* bejn l-attriċi appellanti w l-awtur fit-titolu tal-appellati permezz ta' att pubbliku tat-28 ta' Novembru, 1980[1]. Klawżola numru 7 tal-istess kuntratt kienet tgħid li l-istruttura kellha tintuża biss bħala *boat house* jew *store* u ma kellhiex tintuża bħala residenza jew għal skop kummerċjali. Fin-nuqqas, il-konċessjonarju ntrabat li jħallas lill-appellanti penali ta' sitt liri Maltin (Lm 6) għal kull jum li jdum fin-nuqqas. B'sentenza tat-13 ta' Frar, 1998[2], il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Lib. Numru 8/81, sabet li l-intimat appellat kiser il-kundizzjoni tal-ftehim billi għamel użu mill-*boat house* bħala residenza għas-sajf. Dik is-sentenza ġiet konfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2000[3]. L-appellanti f'din il-kawża qed titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tal-penali u tal-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv;

[1] Dok "M1", f'paġġ. 4 sa 11 tal-proċess
[2] Dok "M2", f'paġġ. 12 sa 18 tal-proċess
[3] Dok "M3", f'paġġ. 19 sa 29 tal-proċess

9. Illi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi fis-sentenza appellata. L-**aggravju tal-appellanti** mis-sentenza appellata huwa wieħed: li l-ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet it-talbiet attriċi fuq nuqqas ta' prova miġjuba minnha, meta dik il-prova kienet kostitwita u diġà ġiet stabbilita w konfermata minn din il-Qorti bis-sentenza sentenza tat-28 ta' April, 2000, fuq imsemmija. Hija tgħid li, b'riħet dik is-sentenza (li kienet konfermata wkoll minn din il-Qorti wara talba għal ritrattazzjoni), ma kellhiex għalfejn li f'din il-kawża terġa' tipprova l-ksur tal-klawsola rilevanti, għaliex ladarba l-fatt li jwassal għall-kundanna tal-penali jkun stabbilit b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, ma hemmx bżonn li dak il-fatt ikun ippruvat mill-ġdid;

10. Illi l-aggravju tal-attriċi appellanti jolqot il-mertu tal-kawża. Hija tgħid li billi s-sentenza (kawża numru 8/81) tat-28 ta' April, 2000 saret in ġudikant, kulma l-ewwel Qorti ġiet mitluba tagħmel f'din il-kawża kien li tillikwida l-penali dovuti mill-appellati fuq is-saħħa tal-użu projbit li sar mill-fond mill-awtur tagħhom għal dawk il-ġranet matul l-ewwel kawża, jiġifieri bejn is-sajf tas-sena 1981 sas-sajf tas-sena 2000. Hija tistrieħ fuq numru ta' kawżi li kellhom mertu jixbah lil din u li ġew deċiżi b'dan il-mod[4];

11. Illi l-appellati jwarrbu għal kollox dan l-aggravju għax iqisu li bih l-appellanti qed tipprova tistgħana minn fuqhom bi ħsara għalihom. Jgħidu li kull penali li l-appellanti tista' tippretendi għandu jibda jitqies mid-data

[4] Rikors tal-Appell tal-appellanti §§ 9 sa 12

meta ġie aċċertat il-ksur, jiġifieri minn dakinhar li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2000. Min-naħa l-oħra, la darba ntwera li l-awtur tagħhom fit-titolu ma kienx f'qagħda li jagħmel użu mill-*boat house* fis-snin ta' wara l-1995 minħabba mard li ġarrab, it-talba għall-ħlas ta' penali bejn is-snin 2000 u 2007 meta nfetħet il-kawża ma jreġix. Għaż-żmien ta' qabel is-sena 1995, jgħidu li l-użu residenzjali ma ġiex ippruvat li kien wieħed konsistenti, għaldaqstant il-penali ma jistgħux jintalbu għax-xhur kollha[5];

12. Illi l-Qorti tqis li l-konċessjoni enfitewtika li saret bejn l-appellanti u l-awtur tal-appellati fit-28 ta' Novembru, 1980, kellha bħala għan it-trasferiment ta' qatgħa art ġewwa Santa Maria Estate, fil-Mellieħa, sabiex fuqha tinbena struttura (li kellha sservi ta' "*boat-house*" jew "*store*") tixbah lil dawk li kellhom jinbnew f'dak l-imkien. Sar qbil speċifiku bejn il-partijiet dwar l-użu li kellu jsir minn din il-binja, u kien hemm patt li dak li jinbena ma setax ikun ta' użu residenzjali jew kummerċjali. Kien miftiehem li ksur ta' dan l-obbligu kien inissel il-ħlas ta' penali min-naħa tal-konċessjonarju enfitewta għal kull jum ta' ksur ta' dik l-obbligazzjoni[6];

13. Illi bis-sentenza li tat din il-Qorti fit-28 ta' April, 2000[7], ġie konfermat li l-użu li kien qed isir mill-istruttura mill-awtur tal-appellati kien bi ksur ta'

---

[5] Tweġiba tal-Appell tal-appellati § 10 *et seq.*
[6] Dok. "M1" f'paġġ. 4 sa 11 tal-proċess
[7] Dok. "M3"f'paġġ. 19 sa 29 tal-proċess

dik ir-rabta billi fil-binja li ttellgħet ma kienx biss sabiex jinżamm fiha l-opra tal-baħar, iżda bħala post tal-villeġġatura fix-xhur tas-sajf (residenza estiva). It-talbiet attriċi f'din il-kawża huma sabiex tiġi stabbilita l-penali li jmissha titħallas lill-appellanti wara li dak li kien stabbilit dak il-ksur. Fi protest ġudizzjarju tas-6 ta' Jannar, 2004[8], li l-appellanti ressqet qabel fetħet din il-kawża, hija talbet mingħand l-awtur tal-appellati l-ħlas tal-penali bejn it-28 ta' April, 2000 (id-data tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell) u t-8 ta' Diċembru 2003 (il-Qorti tifhem li hija d-data meta ġie mħejji l-protest ġudizzjarju). Min-naħa l-oħra, fir-Rikors tal-Appell, l-appellanti targumenta li anke jekk f'din il-kawża ma ppruvatx l-użu ħażin li kien qed isir fil-binja mis-sena 2000 'l quddiem, l-ewwel Qorti xorta messha illikwidat il-penali għal dawk il-ġranet tal-użu mhux skond il-kuntratt li sar mill-post fiż-żmien li kienet miexja l-ewwel kawża, li jkopri ż-żmien bejn is-sajf tas-sena 1981 sas-sajf tas-sena 2000[9];

14. Illi l-Qorti tqis li l-appellanti qiegħda tgħid sewwa li l-fatt stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-atti tal-ewwel kawża jikkostitwixxi raġuni tajba biex jintitolaha titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' penali minħabba ksur ta' patt kuntrattwali. Min-naħa l-oħra, il-klawsola fil-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika kienet titkellem dwar l-użu li jsir mill-binja fuq l-art hekk konċessa, u jekk kemm-il darba l-appellanti dehrilha li l-binja konċessa b'enfitewsi baqgħet tintuża mill-appellati bi ksur tal-kuntratt, kien jaqa'

[8] Dok. "M4" f'paġ. 30 tal-proċess
[9] Rikors tal-Appell tal-attriċi appellanti para. 11

fuqha li turi dan, billi l-fatti stabbiliti bis-sentenza li tat din il-Qorti fl-ewwel kawża setgħu jitqiesu biss sa dakinhar li ngħatat is-sentenza u mhux għal quddiem[10];

15. Illi din il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tal-penali li għandu jsir minn din il-Qorti huwa għaż-żmien bejn il-ftuħ tal-ewwel kawża (1981) u l-għoti tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2000, bla ħsara għall-jedd ta' kull azzjoni xierqa spettanti lill-appellanti għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' penali ulterjuri f'ġudizzju separat, jekk kemm-il darba jseħħilha turi li l-post baqa' jintuża bi ksur tal-klawsola speċifika tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika[11];

16. Illi hija tal-fehma ta' din il-Qorti wkoll li, lil hinn minn kull difiża mressqa mill-appellati dwar n-nuqqas ta' użu li seta' sar tul is-snin, jibqa' l-fatt li s-sentenza fl-ewwel kawża ma laqgħetx it-talba tal-appellanti biex il-binja titwaqqa' u tittella' skond ma kien miftiehem fil-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika. Jidher li l-istess binja baqgħet kif inhi. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma taqbilx mal-fehmiet li l-ewwel Qorti tat f'dan ir-rigward fis-sentenza appellata;

---

[10] App. Ċiv. **11.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Frances Bergdahl noe vs Carmelo Camilleri***

[11] Ara App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Paul Magri***

17. Illi fuq is-saħħa ta' deċiżjonijiet li din il-Qorti ħadet f'kawżi li jixbhu lil din[12], taqbel li għandu jitħaddem il-prinċipju ta' ekwità, u tqis li l-penali għandhom jintrabtu mal-użu li kien isir mill-binja fit-tlett xhur tas-sajf ta' kull sena bejn meta nfetħet l-ewwel kawża fl-1981 u s-sajf tas-sena 1999, l-aħħar sajf qabel ma ngħatat is-sentenza minn din il-Qorti f'April, 2000, jiġifieri kalkolu ta' disgħin (90) jum kull sena fuq medda ta' tmintax-il (18) sena;

18. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa', u qiegħda tillikwida l-penali lilha dovuti mill-appellati fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf sitt mija u tmenin euro (€22,680)[13];

19. Illi fir-Rikors tal-Appell tagħha, l-appellanti titlob ukoll bdil fil-**kap tal-ispejjeż** kif determinat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata (jiġifieri li l-ispejjeż jitħallsu minnha, għajr dawk marbuta mal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni);

20. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq ukoll ladarba l-aggravju se jintlaqa' bil-konsegwenza li se jintlaqgħu t-talbiet attriċi;

---

[12] App. Ċiv. **27.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Mizzi noe vs John Baptist Aquilina et***, u r-referenza għall-kunċett ta' ekwità fis-sentenza App Ċiv. **15.12.2004** fil-kawża fl-ismjiet ***Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe***

[13] 18 x 90 x €14 = €22,680

**Decide:**

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell tas-soċjetà attriċi appellanti w** tirriforma sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa mill-intimati appellati, u billi, minflok, tilqa' t-talbiet attriċi billi tikkundanna lill-intimati appellati jħallsu lis-soċjetà attriċi appellanti l-ammont ta' €22,680 (tnejn u għoxrin elf, sitt mija u tmenin Euro) bħala penali minħabba ksur tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika, bl-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** jitħallsu mill-intimati appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr